MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2007

Avviz Numru. 496/2005

**Framegrip Industries Limited (C 6641)**

**vs**

**1. Jet-Tech Limited,**
**2. Steve Mason,**
**3. Doreen Mason mart Steve Mason u b'digriet ta' l-14 ta' Dicembru 2005, Dr Tonio Azzopardi gie mahtur kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-konvenuti**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-22 ta' Settembru 2005 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn tlieta u sittin lira Maltija u disghin centezmu (Lm2063.90) rapprezentanti prezz ta' materjali mibjughin u xogholijiet ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' Jet-Tech Limited, liema ammont gie garantit

mill-konvenuti l-ohra Steve u Doreen konjugi Mason li hargu diversi “cheques” personali akkont ta’ l-imsemmija ammont, liema “cheques” izda ma gewx onorati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk relattivi ghall-mandat kawtelatorju kontestwalment prezentat, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-kuratur Dr Tonio Azzopardi fil-kwalita’ tieghu premessa fejn eccepixxa:

Illi l-eccipjenti mhuwiex edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk qed jirriserva d-dritt li jressaq l-eccezzjonijiet tieghu fi stadju ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi bejn is-snin 2003 u 2005 is-socjeta’ attrici forniet lis-socjeta’ konvenuta partiti ta’ merkanzija u servizzi kif jidher minn *“statement”* a fol 32. Skond Dr Massimo Vella li kien qed jirrapprezenta lis-socjeta’ attrici s-socjeta’ konvenuta kellha kont miftuh izda fl-ahhar saru erba’ cekkijiet illi kopji taghhom huma esebiti a fol 31 fuq isem personali d-Diretturi tas-socjeta’ konvenuta u cioe’ Stephen Mason u Doreen Mason. Peress illi dawn ic-cekkijiet ma ssarfux allura s-socjeta’ attrici dehrilha illi kellha tharrek ukoll lid-diretturi personalment. Dana xehditu wkoll Mary Cauchi li hija l-*“company secretary”* tas-socjeta’ attrici fejn ikkonfermat illi l-kont kien fuq is-socjeta’ Jet-Tech pero’ peress illi hargu xi cheques f’isem personali tad-diretturi li ma ssarfux, allura dehrilhom li kellhom iharrku lid-diretturi personalment.

Joseph Vella a fol 51 xehed li huwa l-manager tas-socjeta’ attrici. Meta Stephen Mason ordna x-xoghol, dana qallu biex jaghmlu fuq Jet-Tech Limited. Ix-xoghol gie kkonsenjat u bdew isiru l-hlasijiet mis-Sur Mason ghan-nom tal-kumpanija Jet-Tech. Irrizulta illi minkejja l-kont

huwa ntestat Jet-Tech gieli gew ikkonsenjati xi merkanzija u saru servizzi fid-dar personali tad-diretturi Stephen u Doreen Mason. Fil-fatt l-istatements li hemm esebiti bejn fol 32 u fol 40 kollha juru lil Jet-Tech Limited.

Ikkunsidrat:

Minkejja li l-kuratur deputat ma gabx provi f'din il-kawza nonostante li kien hemm differiment specifiku ghal produzzjoni tax-xhieda tieghu, l-Qorti jidhrilha li ma tistax tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta' attrici sa fejn dawn jirrigwardaw lil Stephen u Doreen Mason. Dana l-ghaliex ma hemmx dubbju illi r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet hija limitata ghas-socjeta' Jet-Tech Limited. Kif xehed tajjeb il-*"manager"* tas-socjeta' attrici meta Mason ordna x-xoghol dana qallu specifikatament biex jintestah fuq is-socjeta' Jet-Tech Limited u hekk sar, bhalma jidher mill-kontijiet u l-istatements esebiti, kif ukoll ix-xhieda ta' Mary Cauchi l-*"company secretary"* u l-istess Dr Massimo Vella. Kien biss minhabba n-nuqqas tal-bank illi jonora l-ahhar erba' cekkijiet illi kienu intestati personalment mid-diretturi illi s-socjeta' attrici harrket lid-diretturi personalment. Bir-rispett il-Qorti ma jidhirliex illi dan setghet taghmlu.

Fil-kawza Bonnici vs Cauchi Carter deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-6 ta' Ottubru 1986 intqal *"billi gieli rcieva cekks ghal hlas tal-merkanzija konsenjat minghand l-istess nies pero' ghan-nom ta' socjeta' ohra ma jfisser xejn. Ghall-attur l-importanti kien illi setghu jissarfu...."* F'Zammit vs Frendo Azzopardi (Vol XXXI pt iii pg 257) inghad *"biex ikun hemm il-figura guridika ta' assunzjoni ta' dejn hemm bzonn li l-obbligazzjoni ta' haddiehor jaghmilha tieghu min jassumiha. Il-fatt li wiehed ihallas xi flus akkont ta' dejn, la mhuwiex tieghu, ma jfissirx li huwa assuma dak id-dejn."*

Mill-atti ta' din il-kawza ma jirrizultax illi saret xi forma ta' novazzjoni bejn is-socjeta' Jet-Tech u d-diretturi taghha. Il-fatt biss illi gew iffirmati xi cekkijiet ma jfissirx illi saret xi novazzjoni jew inkella assunzjoni ta' dejn. Wiehed ukoll ma jridx jinsa illi biex issir novazzjoni din jew ghall-inqas fidejlussoni dina trid issir bil-miktub taht is-senzjoni ta'

nullita' (ara Catania vs Degiorgio Vol XLII pt ii pg 928). Ghalhekk il-Qorti filwaqt illi jidhrilha illi s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha fi grad li trid il-ligi fil-konfront tas-socjeta' Jet-Tech Limited ma jidhriliex illi ghamlet l-istess fil-konfront personali ta' Steve u Doreen Mason.

Id-debitur principali kienet dejjem is-socjeta' Jet-Tech Limited li kellha relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta' attrici u li kienet is-socjeta' Jet-Tech Limited illi naqset l-obbligazzjonijiet kuntrattwali taghha u mhux id-diretturi Steve u Doreen Mason.
Ghalhekk il-Qorti ghal dawn il-motivi,

Taqta' u tiddeciedi illi filwaqt li tillibera lil Steve u Doreen Mason personalment mill-osservanza tal-gudizzju. Tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Jet-Tech Limited illi thallasha s-somma ta' elfejn tlieta u sittin lira Maltija u disghin centezmu (Lm2063.90) rapprezentanti prezz ta' materjali mibjughin u xogholijiet ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta Jet-Tech Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------